MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Numru. 1274/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR JAMES GRECH**
**VS**
**FRANCIS GRECH**

**Il-Qorti;**
Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Francis Grech ta’ 65 sena, bin Gerard u Paola nee’ Azzopardi, mwieled Hamrun, fis- 26 ta’ Gunju 1945, residenti 63, St. Anthony Street, Hamrun u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 536945M;;

Talli fis- 7 ta’ Awwissu 2010 geww City Lights Capital Cinema sitwat f’ numru 56, Triq San Gwann, Belt Valletta;

1) ghal qliegh, jew ghat- tqassima, jew ghall- wiri f’ post pubbliku, jew f’ post accessibli ghall- pubbliku, mmanifattura, stampa jew xort ‘ ohra ghamel, jew dahhal f’ Malta jew akkwista, zamm, iccirkola jew esporta xi

stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb , kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor ikun li jkun pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn ta' hawn fuq kemm jekk le;

2) innegozja f' xi oggett stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ukoll jekk dak in- negozju sar bil- mohbi, jew qassam xi oggett bhal dak jew wera xi oggett bhal dak fil-pubbliku jew f' post accessibli ghall- pubbliku;

3) uza l- fond City Lights Capital Cinema cioe 56 Triq San Gwann, Valletta, ghall prejozzjonijiet cinematografici w dan minghajr il- licenzja mahruga mill-Kummissarju tal- Pulizija;

4) f' post puubliku jew f' xi post miftuh ghall-pubbliku cioe City Lights Capitaol Cinema ghamel xi wirja bil- mezz ta' projector ta' films bil- video minghajr licenzja minghand il- Kummissarju tal- Pulizija;

5) haddem makkinarju w apparat tac- cinema minghajr licenzji tal- awtorita' kompetenti meta din il-licenzja hija mehtiega mill- Ligi jew mir- regolamenti maghmula mill- Awtorita' kompetenti;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Fis-7 ta' Awwissu, 2010, il-Pulizija tad-distrett tal-Belt ghamlet spezzjoni fis-sala tac-cinema City Lights, fi Triq San Gwann, u investigaw il-filmati li kienu qed jintwerew dak il-hin. Gie osservat li fil-kamra minn fejn jintwerew il-filmati,

kien hemm zewg VCR players imqabbda u switch bejniethom. Fuq dan l-apparat kien hemm filmat wiehed f'kull VCR player, b'filmat minnhom ikun *hard core porn* u mhux iccertifikat mill-awtorita' lokali. L-apparat kien armat b'mod li permezz tas-switch bejn iz-zewg magni, l-operatur ikun jista' jaqleb minn film ghall-iehor. B'hekk, seta' jintwera film licenzjat u awtorizzat, jew film iehor mhux hekk awtorizzat. Meta saret l-ispezzjoni, instab li VCR player minnhom kellu *soft porn movie* fih, bl-isem "Lust Connection", liema film kien wieqaf fuq il-minuta 47 tal-hin tieghu. Il-VCR player l-iehor kien fuq "pause", u fih kien hemm film *hard core porn* minghajr isem u mhux approvat mill-awtoritajiet. L-operatur tac-cinema, l-imputat Francis Grech, gie arrestat u halla stqarrija fejn ammetta li hu jaqleb minn film ghall-iehor, biex ma jinqabadx meta ssir spezzjoni kif gara. Ghalhekk ittiehdu l-passi kontra tieghu u kontra s-sidien tas-sala, f'proceduri separati.

Illi mil-provi prodotti, ma hemm l-ebda dubju li l-imputat ghandu jwiegeb ghal dawn l-imputazzjonijiet, u l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha lil hinn mid-dubju dettat mir-raguni. Apparti l-ammissjoni tal-imputat fl-istqarrija tieghu, il-Prosekuzzjoni tellghet xhieda konsistenti f'dan ir-rigward. Id-difiza ghazlet li ma tipproduci ebda prova. Minnflok, ipprezentat nota ta' sottomissjonijiet bhala risposta ghal dik imressqa mill-Ufficjal Prosekutur. F'dik in-nota ma ntqal xejn gdid oltre l-provi gia' prodotti. Ghalhekk il-Qorti ser tikkonkludi billi ssib htija fl-imputat ghar-reati kollha addebitati lilu.

Kwantu ghall-piena, il-Qorti tara li s-sidien qed ighaddu proceduri separati fuq l-istess mertu, u l-imputat ser ikun xhud indispensabbli ghall-Prosekuzzjoni f'dik il-kawza. Il-Qorti tifhem li l-imputat kien qed jimxi fuq struzzjonijiet moghtija lilu mis-sid tal-istabbiliment, izda l-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li l-abbuz fil-kamp tax-xandir ta' filmati pornografici qed isewwes lis-socjeta' mill-qiegh. Huwa ta' ghajb li l-imputat ghazel li jkun partecipi f'attivita' daqshekk irhisa, li tbaxxi d-dinjita' tal-bniedem. Kulhadd huwa reponsabbli ta' ghemilu. Madankollu, il-Qorti ma tarax raguni ghalfejn ghandha tkun iebsa mal-imputat fl-ghoti tal-piena. Apparti minn hekk, ghalkemm l-

imputazzjonijiet huma hamsa, ir-reat kien wiehed, u ghalhekk ghandu jkun hemm assorbiment tal-piena skond ir-regoli tal-konkors tar-reati u pieni, ai termini tal-Artikolu 17 tal-Kap 9.

Il-parametri li ghandha quddiemha huma ta' piena ta' prigunerija bejn sitt xhur u tnax-il xahar, jew multa ta' bejn elf ewro u tlitt elef ewro, jew prigunerija u multa flimkien. Il-Qorti sejra taghti l-piena tal-multa minima f'dan ir-rigward, flimkien ma' sanzjoni fil-komunita' ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kap 446, biex isservi ta' deterrent ghall-imputat u ma jergax jaqa' li jippresta ruhu ghal attivita' hekk illecita.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 208(1), 208(2) u 338(gg) tal- Kap 9;
Ir-Regolamenti 2 u 41 ta' LS 10.17 Regolamenti dwar il-pellikoli u l- palk;
U r-Regolamenti 2 u 6(1) ta' LS 10.34 Regolamenti dwar wirjiet ta' films bil- video tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah multa ta' elf ewro (€1,000). Tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------